**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta` Gunju 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**JOSEPH CAUCHI**

Kump Nru. 702/2018

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Cauchi** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 41561M, gie akkuzat talli;

1. Fid-9 ta' Settembru 2018 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6:30pm), gewwa Triq Maitland Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt lil Clyde Cassar u

lil Josette Sammut mill-Hamrun feriti ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Wallace Brian Edward Md5907 mic-Cenrtu tas-sahha l-Furjana;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamilt lil Clyde Cassar u Josette Sammut ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-kodici kriminali;

3. Wkoll talli fl-istess cirkustanzi hebbejt ghall Clyde Cassar u Josette Sammut sabiex tingurjhom, iddejjaqhom jew taghmillhom hsara;

4. Wkoll talli fl-istess cirkustanzi b' xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali ksirt volontarjamnet il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Clyde Cassar u Josette Sammut u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Artikoli ta` l-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizio* tieghu ta` l-10/01/2020 (ara folio 74) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju (ara folio 75);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-provi, fil-qosor, li tressqu f'dan il-procediment kienu s-segwenti.

1. Xehed PS267 Anthony Cassar li stqarr li fid-9 ta' Settembru, 2019 ghall-habta tas-6:30pm gie nfurmat b'telefonata

*"anonima li kien hemm argument gewwa Triq Maitland il-Hamrun. Sakemm bghatt in-nies tieghi biex jaraw x'hemm il-partijiet kollha koncernati lahqu gew kollha l-ghassa kienu. Fejn gie l-imputat certu Joseph Cauchi, ID 41561 M, prezenti hawnhekk fl-awla. Kif wkoll gew Clyde Cassar ID 507677 M u Josette Sammut 73771 M. Dawn dahlu l-ghassa bi dmijja fuqhom, ma l-wicc u fuq l-idejn. U ahna irrikommandajnilhom biex imorru fl-eqreb klinika tas-sahha biex jarhom tabib. Minn hemmhekk wara gabulna c-certifikati fejn Clyde ipprezenta certifikat ta' natura gravi u Josette kellha certifikat ta' natura slight. Meta saqsejthom ghall-verzjoni, x' kien gara u ma garax mid-derha Clyde hareg jarmi xi borza taz-zibel barra u ken hemm is-sinjur Joseph qed iserrahlu mal-karozza; u dan qallu "ghalfejn qed iserrahli mal-karozza ?" Inqala battibekk fejn qallu "din tieghek jew mhux tieghek ?" u hafna paroli fil-vojt u gew fl-idejn"*

Ix-xhud jikkonferma li hu hejja r-rapport NPS 7/P/4146/2018 u pprezentah fl-atti bhala dok AC a folio 12.

F'dan ir-rapport hemm il-verzjonijiet tat-tlett persuni nvoluti, l-imputat, Clyde Cassar u Josette Sammut.

2. Clyde Cassar u Josette Sammut, fid-29 ta' Jannar, 2019 dehru l-Qorti u ghazlu li ma jixhdux minhabba li kellhom proceduri penali kontra taghhom in konnessjoni ma' dan l-allegat incident u ghalhekk ma ridux jissograw li b'xi mod jinkriminaw ruhhom. Iddikjaraw ukoll li riedu jwaqqghu dawn il-proceduri kontra Joseph Cauchi (ara a folio 16 sa 20);

3. Xehed ukoll l-Ispettur Spiridione Zammit u ghamel referenza ghar-rapport NPS li gie esebit fl-atti. Huwa pprezenta c-certifikati medici ta` Josette Sammut (ara folio 28) u ta' Clyde Cassar (ara folio 29). Ipprezenta wkoll l-istqarrija ta` l-imputat (ara folio 30); certifikati ta' Josephine Cauchi u tal-imputat jinsabu rispettivament a folios 48 u 49;

4. Xehed ukoll it-tabib Dr. Wallace Brian Edward li kkonferma z-zewg certifikati medici, li gew esebiti, u li kien hejjijhom hu wara li kien ra lill-pazjenti koncernati;

5. Xehed mbaghad Dr. Glenn Garcia u kkonferma z-zewg certifikati medici mahruga minnu riferribbilment ghal Josephine Cauchi u Joseph Cauchi l-imputat.

Dan hu bazikament il-korp tal-provi mressaq f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi wara ezami tal-atti processwali, il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni tiddikjara illi dan hu wiehed minn dawk il-kazijiet ta' hela ta' hin u ta' rizorsi.

Il-provi kollha mressqa - kif indikati aktar il-fuq - huma tista tghid kollha ghalxejn fin-nuqqas tad-depozizzjoni taz-zewg xhieda principali u centrali tal-prosekuzzjoni u cioe' Clyde Cassar u Josette Sammut. Il-kaz tal-prosekuzzjoni kien jistrieh fuq id-depozizzjoni taghhom. Dawn iz-zewg xhieda dejjem ghazlu li ma jixhdux u sahansitra fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2019 (ara folio 70), huma ddikjaraw dan b' mod solenni fil-verbal tal-istess udjenza.

Fic-cirkostanzi, tista tghid li kull prova ohra rimanenti, hija wahda li twassal sal-grad tal-probabbli – u cioe`x'aktarx iva milli le, li kien l-imputat li ghamel dak allegat fil-konfront tieghu. Izda kif inhu risaput, dan il-grad tal-prova, il-grad tal-probabbli, ma huwiex sufficjenti ghall-kaz tal-prosekuzzjoni sabiex jirnexxi skond il-ligi.

**Decide**.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL JOSEPH CAUCHI MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur